

# Il-Każi tal-Bombi mad-Dar tal-Kappillan u s-Sagristan ta' Ħal Kirkop fl-1919

## *Minn storja orali għal dik dokumentata*


**Kitba ta' Dr. Charles J. Farrugia**

**B.A.(Hons), PG.Dip. Rec.Mgmt.(N'Castle), M.A. (Melit.), M.A. (Lond.), Ph.D(Aber.)**


**Nota Editorjali:** Bħalma f'Soċjetà ssib ġrajjiet u anniversarji sbieħ, sfortunatament issib ukoll paġni koroħ. Fost l-oħrajn, l-2019 timmarka l-100 sena minn mindu sar l-attentat ta' qtil permezz tal-bombi lill-Fundatur tagħna u wkoll lis-Sagristan tal-Parroċċa. Dawn l-attakki viljakki, li seħħew fl-isfond ta' avveniment storiku-nazzjonali, ħasbu lill-awtorijitajiet, ħasdu lill-madwar, u fuq kollox firdu aktar lill-Koppin. L-artiklu li ser naraw huwa l-aħjar rendikont li għandna, bbażat fuq evidenzi misjuba b'xorti tajba mill-Arkivista Nazzjonali Dr. Charles J. Farrugia, u li kien ġie mitbugħ fil-pubblikazzjoni tal-Festa 2015 f'paġna 57. Għaldaqstant, il-bord editorjali ħass li dan l-artiklu għandu jerġa' jiġi ppubblikat fil-ħarġa ta' din is-sena.

**L-istorja minn fomm l-anzjani**

Fid-dettalji tar-rakkont kif miġbur minn Angelo Schembri minn numru ta' anzjani Koppin kien jintqal li:

Xi żmien wara li Barbara laħaq kappillan ta' Ħal Kirkop fl-1876, xtara post kbir daqs żewġt idjar flimkien numerat 11D u 11E fi Triq San Benedittu. Dan jinsab faċċata tal-bieb prinċipali tal-iskola primarja tal-lum il-ġurnata, fejn joqogħdu l-familji "ta' Kelment" u "ta' Ġulin." Ma' Dun Ġużepp marru joqogħdu ħutu li kienu Għaxqin magħrufin bil-laqam "tal-Anġillier." Jingħad ukoll li f'din id-dar, fin-nuqqas ta' maħżen tal-armar, Dun Ġużepp kien iżomm l-armar tal-Festa ta' San Ġużepp.



*Il-maħbub Kappillan Dun Ġużepp Barbara D.D. li safa' vittma ta' bomba fl-1919, flimkien mas-Sagristan tal-Knisja Parrokkjali Giovanni Griscti*

Fil-memorja mhux miktuba Koppija jingħad li saret bomba mad-dar tal-kappillan u li jista' jkun ir-raġuni kienet marbuta ma' din iż-żamma tal-armar. Xi anzjani jgħidu wkoll li meta splodiet il-bomba, Barbara ħareġ mimli trab fost il-parruċċani nkwetati u serrħilhom moħħhom u qal "jistgħu jagħmlu li jridu għax jiena hawn qiegħed u hawn ħa nibqa'".[1]

Sa meta nstabu dawn iż-żewġ dokumenti li qed ikunu ppubblikati għall-ewwel darba la ċ-ċertezza u lanqas indikazzjoni ta' data ma kienet teżisti dwar dawn l-allegati bombi. L-uniku indikatur kien it-terminu ta' ħidma ta' Barbara f'Ħal Kirkop li dam sal-1932 meta miet.[2] Dik kienet l-istorja li konna nafu sa' issa. L-istess storja laħqet ġiet imsemmija f'xi kitbiet dwar Ħal Kirkop. Fost dawn, bomba oħra li saret fis-snin ħamsin issemmiet fl-istudju tal-Professur Jeremy Boissevain. Dan hu studjuż mill-Olanda li ħadem fuq ir-rivalità tal-festi f'Ħal Kirkop minn angolu antropoloġiku. Dwar każi ta' intimidazzjoni lil kappillani fl-irħula Boissevain kiteb hekk:

*During 1952 and 1953, for example, there was a dispute over an attempt by the Saint Rocco procession to pass along a new street over which Saint Martin's followers claimed exclusive rights. When an inexperienced new parish priest backed the Saint Rocco claim before the archibishop, he brought violently into the open a dispute over which his predecessor had successfully*

*procrastinated for years. The followers of St Martin not only refused to celebrate their feast, but succeeded in frightening the unfortunate priest rather badly by exploding an enormous rocket in the drainpipe under his house. Some Saint Martin partisans fleefully told me that the priest was soon transferred to another parish. Moreover, during his entire last week in Farruġ he had felt so unsure of his parishioners that he asked for police to escort him between his house and the church. Relations between the Church and Saint Martin partisans were restored when the archibishop modified the Saint Rocco procession route.*[3]

Jerġa' jagħmel referenza għal dan il-punt fil-ktieb tiegħu *Saints and Fireworks: Religion and Politics in Rural Malta*, fejn jgħid:

*In challenging the decisions of the Church relating to matters of festa policy a festa partisan often resorts to violence. He frightens the priest with home-made bombs to show his displeasure, to try and change the decision and even compel him to leave the village.*[4]

F'dan it-test Boissevain kien qed jitkellem dwar bomba mad-dar tal-kappillan ta' Ħal Kirkop erbgħa u tletin sena wara dik li qed nitkellmu dwarha f'dan l-artiklu. Minkejja dan, il-loġistika dejjem tkun l-istess, u din nistgħu ngħidu li tapplika għall-festi kollha. Il-problema tinqala' fuq inizjattiva biex tinbidel xi biċċa mill-*istatus quo* ta' xi waħda miż-żewġ festi. Il-kappillan tal-post jipprova janalizza l-implikazzjonijiet ta' dik il-bidla. Ħafna drabi jkun qed jara l-każ f'iżolament mill-kuntest storiku. Ma jkunx jista' japprezza kemm tibdila li forsi ma fiha l-ebda deni, anzi jista' jkun f'moħħu jasal li din tkun ta' ġid, fiha implikazzjonijiet minħabba li għan-nies tal-lokal tkun tibdila rivoluzzjonarja li tista' tagħti vantaġġ lill-partit avversarju. L-kobba tkompli titħabbel peress li r-regoli tal-logħba ħafna drabi mhux miktuba bl-iswed fuq l-abjad imma miktuba fit-tradizzjoni li tinsab biss minquxa l-imħuħ tan-nies tal-lokal. Biex tgħaxxaq, il-kappillan ħafna drabi jkun żgwidat ukoll mill-ftit nies li jkun ġabar madwaru. Minħabba li dawn isostnu l-kappillan fil-ħajja ta' kuljum, u jaqduh fil-ħidma ta' rutina ta' kuljum, hu jħossu obbligat li ma jxellifx duffrejh magħhom. B'hekk mhux darba jew tnejn jispiċċa jisma' qanpiena waħda. Meta jidħol fl-inkwiet, l-uniku refuġju li jkollu jkun il-Kurja li ħafna drabi tagħmel analiżi tas-sitwazzjoni u tara liema deċiżjoni tista tagħti li tiskansa aktar inkwiet. Mhux darba jew tnejn li f'dan l-eżerċizzju s-soluzzjoni tkun li wieħed jissagrifika l-kappillan li jkun u jittrasferih għal parroċċa oħra, jew jagħtih xi rwol spiritwali f'xi post mhux tant f'għajn in-nies.

Minn hawn 'il quddiem dan l-artiklu ser jirrakkonta x'verament ġara, almenu minn dokument li nkiteb fis-26 ta' Lulju 1919, proprju l-għada tal-każ, mill-awtoritajiet, u b'xhieda ġuramentata. Iżda qabel ma nispjegaw il-każ, ejja naraw min kienu l-protagonisti.

**Il-protagonisti**

Dun Ġużepp Barbara, iben il-mejjet Antonio imwieled fil-Belt Valletta u Kappillan ta' Ħal Kirkop kien ix-xhud prinċipali fl-inkjesta maġisterjali, u l-mira tal-ewwel bomba li splodiet fil-lejl ta' bejn il-25 u 26 ta' Lulju 1919.

Francesca Barbara, ix-xebba oħt Dun Ġużepp, imwielda Ħal Għaxaq iżda li kienet toqgħod ma' ħuha f'Ħal Kirkop.

Cristina Barbara, wkoll oħt Dun Ġużepp iżda li ma xehditx fl-inkjesta.

Il-Maġistrat tal-Għassa Dr Camillo Mifsud kien il-persuna li ġie nkarigat mill-każ u li sejjaħ aċċess fuq il-post f'Ħal Kirkop fis-26 ta' Lulju 1919 fil-5.30 ta' filgħaxija. Dr Mifsud kien ġie appuntat fil-kariga fis-17 ta' Marzu 1913.

L-Ispettur Carmelo Gauci, li jidher li kien inkarigat mid-Distrett.

Is-Surġent Gregorio Sacco, iben il-mejjet Leonardo, imwieled u residenti f'Ħal Kirkop xehed fil-każ peress li kien ġirien ta' fejn splodiet il-bomba.

Il-kuntistabbli Carmelo Abdilla, iben Pubblio, inwieled u joqgħod Ħal Safi.

Il-Prokuratur Legali u espert ballistiku Giuseppe Zammit

Il-masturdaxxa Carmelo Coleiro, li ntalab jagħmel l-istimi tal-ħsarat li saru fl-aperturi.

Il-bennej Carmelo Ellul, li ntalab jagħmel l-istimi ta' xi ħsarat strutturali li saru.

Salvatore Farrugia, iben Giuseppe, imwieled u residenti f'Ħal Kirkop xehed għaliex hu wkoll kien ġirien tal-Kappillan, u fil-fatt ir-rapport jgħid li kien joqgħod madwar tmenin jarda il-bogħod tant li waqa' xi ġebel fil-bitħa tiegħu.

Is-Sagristan Giovanni Griscti iben il-mejjet Michele, imwieled u residenti f'Ħal Kirkop. Dan kien il-mira tat-tieni bomba li splodiet ftit wara dik tal-Kappillan. Carmela Griscti bint il-



**L-ewwel paġni taż-żewġ Injesti li saru fil-każi tal-bombi mad-djar tal-Kappillan u s-Sagristan**

mejjet Michele, imwielda u residenti f'Ħal Kirkop, oħt is-sagristan u li kienet fid-dar waqt l-isplużjoni flimkien ma' tifla ta' sitt snin li huma kienu jrabbu, u li ma qamitx mir-raqda waqt li ġara l-każ.

**L-istorja kif verament ġrat**

Peress li x-xhieda kollha kienu qed jirrakkuntaw l-istess storja, però minn kif laqtet lilhom, mhux il-każ li wieħed jgħid x'qalet kull persuna. Minkejja dan, ix-xhieda tal-Kappillan hi wisq importanti sabiex ma tiġix riprodotta kelma b'kelma, kemm kif rappurtata fid-dokument bit-Taljan, kif ukoll fi traduzzjoni bil-Malti. Tajjeb wieħed jgħid li Barbara ta x-xhieda tiegħu bil-Malti iżda kienet il-prassi li r-rapport uffiċjali jsir bit-Taljan. Dan li ġej hu t-test maqlub fedelment għal Malti:

Jiena mteddejt biex norqod fl-għaxra u kwart tal-bieraħ, u nqum fil-ħin tal-isplużjoni, jiġifieri f'xi nofsillejl neqsin kwart. Jiena mort biex nara jekk weġġgħetx oħti l-anzjana Francesca, u waqt li kont qed naqsam il-loġġa li qiegħda wara l-bieb 'il bogħod, waqaft mibluh bl-effetti tal-isplużjoni li kienet kissret siġġijiet u l-bieba l-oħra tal-ġnien li qiegħda mat-triq. Ma nafx biċ-ċert ir-raġuni għal dan l-għemil ħażin; però jiena aktar naħseb li huwa frott ta' partitarji akkaniti għall-festa ta' San Leonardu li tiġi ċċelebrata fis-6 ta' Novembru ta' kull sena, u li huma kontra li l-Festa li ġejja ta' San Ġużepp tiġi ċċelebrata b'pompa akbar minn tas-snin li għaddew. Jista' jagħti l-każ li dawn il-partitarji bl-iskuża tal-luttu nazzjonali, riedu li l-Festa ta' San Ġużepp ma kellhiex tiġi ċċelebrata din is-sena; peress li jiena, qgħadt għar-rieda tal-maġġoranza u tajt il-permess li din tista' tiġi ċċelebrata b'pompa akbar minn tas-soltu ta' dawn l-aħħar snin tal-gwerra; imma nirrepeti li din kienet biss skuża, għaliex il-bdiewa kollha jħobbu dawn il-festi, u nemmen li l-politika ma tidħol xejn f'din.[5]

Ftit minuti wara li seħħ dan il-każ ftit 'il bogħod splodiet bomba oħra din id-darba mad-dar tas-Sagristan Giovanni Griscti. Dan il-każ ġara meta l-bomba tpoġġiet u splodiet għall-ħabta tal-11.55 ta' filgħaxija fit-tieqa tad-dar li fiha kien Griscti f'numru 21 fil-Pjazza ta' Ħal Kirkop.[6] Is-Sagristan jixhed li stenbaħ bl-inbiħ tal-kelba u ftit wara sema' l-isplużjoni. Hu kien fil-kamra ta' barra li tmiss ma' fejn saret il-bomba iżda peress li kien mal-ħajt l-ieħor ma weġġax. Jirrakkonta kif hu kien is-Sagristan tar-raħal għal ħamsa u erbgħin sena sħaħ li kien ilu fil-kariga madwar tnejn u erbgħin sena. Hu jgħid li din l-intimidazzjoni fuqu kienet qed issir għaliex waslet is-solennità ta' San Ġużepp li xi rjus sħan fir-raħal kienu jopponu għaliex iżommu ma' San Leonardu.[7]

Il-ħsara dikjarata mill-espert Carmelo Coleiro kienet tammonta għal £4-12-4

**L-analiżi forensika**

Dwar iż-żewġ bombi l-Qorti qabbdet lil Prokuratur Legali u espert ballistiku Dr Giuseppe Zammit sabiex jagħmel rapport tekniku. Dan ir-rapport hu importanti mhux tant għall-iskop ta' identifikazzjoni ta' min għamel dan l-att daqskemm għal tiftix tal-intenzjoni tal-istess att. Ir-rapport hu maqsum fi tliet taqsimiet li huma dwar: danni; materjal splussiv użat; effetti kkawżati jew possibbli.

Ir-rapport ta' Zammit jibda billi jgħid li hu ġie mqabbad mill-Qorti u kien preżenti għall-aċċess. Jgħid li l-akbar ħsara li saret kienet fil-bieb ta' barra minkejja li dan kien ta' injam sod tal-aħmar. Hu jgħid li l-mod kif l-injam sar biċċiet hu prova ta' kemm kienet kbira l-isplużjoni kemm f'termini ta' kwalità kif ukoll kwantità. Is-saħħa tal-bomba wasslet sabiex biċċiet mill-injam imfarrak anke jaqbżu l-bieb l-ieħor tal-bitħa. Mit-traċċi mħollija wara l-isplużjoni l-espert ballistiku jgħid li kien x'kien il-materjal, żgur li kien hemm l-użu ta' klorat tal-putassa, antimonju u kubrit peress li kien hemm fdalijiet jagħtu fl-aħmar u l-isfar. L-istess espert jgħid li l-mod kif inqasmet l-irħama tat-tarġa jagħti wieħed x'jifhem li seta' kien hemm ukoll traċċi ta' ġelatina. Il-fdalijiet iwasslu lil Zammit biex jikkonkludi li l-bomba kienet waħda sostanzjali u li tal-inqas kien fiha libbra materjal magħluq ġo kontenitur marbut





*Il-folla tinġabar fil-Belt għall-irvellijiet tas-Sette Ġiugno u l-funeral tal-erba' vittmi*

f'direzzjonijiet diversi bil-fildiferru. Kollox kien inkartat ġewwa karti ħomor u blu u b'miċċa miksija b'vajjina bajda. L-espert jgħid ukoll li fuq il-bomba tpoġġiet ġebla kbira sabiex tindokra l-istess bomba kif ukoll tkabbar l-effetti tagħha. Fil-fatt, jidher li l-ġebla ta' fuq il-bomba kompliet żiedet il-forza u l-espert jgħid li l-biċċiet ta' ġebel li nstabu fil-bitħa ta' Salvatore Farrugia kienu proprja biċċiet minn din il-ġebla ta' fuq il-bomba.

Ir-rapport ta' Zammit li kien ddepożita bil-ġurament fil-11 ta' Awwissu 1919 jgħid li l-bomba kellha l-potenzjal kollu li toħloq imwiet li iżda ġew evitati peress li l-ebda persuna ma kien f'viċinanza biżżejjed biex iweġġa.

Fir-rapport tiegħu l-Maġistrat Mifsud jgħid li hu sejjaħ lix-xhieda fuq il-post tal-inċident fis-26 ta' Lulju wara l-pranzu.[8] Jgħid li l-bomba tant kienet qawwija li farrket il-ħġieġ ta' barra kollu u wkoll il-biċċiet mill-bieb ta' barra laqtu l-bieb tal-bitħa li kien jinsab madwar ħmistax-il pass il-ġewwa.

Mir-rapport ta' Coleiro joħroġ li l-ħsarat kienu ta' sitt liri sterlini u ħames xelini fi ħsarat fl-injam tal-bibien; tmien liri u sbatax-il xelin għal sitta u erbgħin ħġieġa ħoxna li tfarrku kollha u erbatax-il xelin għall-ħsarat f'erba' siġġijiet. B'kollox l-ispiża kienet tammonta għal 15-il lira sterlina u sittax-il xelin.[9] Il-ħsara dikjarata mill-espert Carmelo Coleiro fil-każ tal-bomba mad-dar tas-Sagristan kienet anqas u kienet tammonta għal £4-12-4.

**Il-kuntest u analiżi storika**

Tajjeb li wieħed jara x'kien qed jiġri fil-pajjiż sabiex wieħed ikun jista' jifhem dan l-episodju mingħajr passjoni żejda u fir-realtà vera tal-ġurnata.

**Il-Gwerra l-Kbira**

Il-Gwerra l-Kbira bdiet fl-1914 u baqgħet sejra sal-1918. Bil-kuntrarju ta' dak li seħħ fit-Tieni Gwerra Dinjija, Malta ma kinitx milquta direttament u l-konflitt ma sarx fuq artna. Minkejja dan, kien hemm diversi effetti fuq Malta. L-ewwel nett kien hemm ukoll Maltin li mietu jissieltu ġewwa Gallipoli u f'postijiet oħra.[10] Fost il-mejta kien hemm anke żagħżugħ mir-raħal qrib tal-Imqabba. L-istorja tal-Imqabbi Andrea Camilleri li miet fit-trunċieri tal-battalja ġewwa l-Belġju qed tiġi ppubblikata wkoll minni proprju f'dawn il-ġranet.[11] Barra minn hekk, Malta tat sehem kbir daqs kemm tat fit-Tieni Gwerra. Dan għaliex Malta rebħet għaliha nnifisha l-laqam sabiħ tal-'infermiera tal-Mediterran'.[12] Laqgħet fi ħdanha wkoll mijiet ta' priġunieri tal-Gwerra minn diversi pajjiżi, u tathom refuġju b'mod sikur imma dinjituż. L-istorja ta' dawn ġiet ukoll ippubblikata s-sena l-oħra mill-Arkivju Nazzjonali.[13]

Il-Gwerra l-Kbira ġabet fuq Malta nkwiet finanzjarju, skarsezzi u assedji fuq il-ħwienet u żjieda artifiċjali ta' mpjiegi. Dan peress li l-attività militari kienet titlob aktar ħaddiema li iżda ma kelhom l-ebda garanzija ta' xogħol meta tgħaddi l-Gwerra. Malli spiċċat il-gwerra fil-fatt kien hemm emigrazzjoni qawwija.

**Is-Sette Giugno**

Filwaqt li kien qed iseħħ dan kollu, il-klima politika f'Malta kienet qed tbaqbaq, minfuħa mill-weġgħa ekonomika li ġabet magħha tmiem il-Gwerra. Numru ta' kawżi, wasslu għall-irvellijiet tas-*Sette Giugno*. Mhux ser nidħol dwar id-dettall tar-raġunjiet li bażikament kienu kemm ekonomiċi kif ukoll politiċi. Hemm numru ta' awturi li kitbu b'awtorità fuq dan is-suġġett.[14] Li hu ta' interess b'rabta mal-istorja li għandna quddiemna hu li fl-irvellijiet inqatlu erba' Maltin – Karmenu Abela, Manwel Attard, Ġużeppi Bajada u Wenzu Dyer. Il-funeral tagħhom sar it-Tnejn 11 ta' Ġunju wara nofsinhar.

Il-bomba mad-dar ta' Barbara saret proprju fix-xahar ta' wara l-irvellijiet tas-Sette Giugno fil-Belt Valletta. U kien proprju għalhekk li minħabba dan l-avveniment fir-raħal ta' Ħal Kirkop, bdew iqumu dawk li jgħidu li ma kienx denju li wieħed jiċċelebra l-Festa Ġużeppina meta kien hemm luttu nazzjonali. Minn banda l-oħra, l-Kappillan kellu ħsieb li wara li spiċċat il-gwerra, jkabbar il-Festa li tant kien iħobb u mhux imewwitha. Din tal-luttu nazzjonali tqajjem kurżità interessanti. Dan peress li din kienet ir-raġuni li ngħabet lil Dun Ġużepp biex iħassar il-Festa ta' San Ġużepp ta' Ħal Kirkop. Issa meta wieħed iqis li f'għajnejn il-Gvern Ingliż dawk li mietu kienu pezza kwistjoni, ma kienx konċepibbli li jsir luttu nazzjonali. Anke jekk dan il-luttu sar b'improvazzjoni pubblika, ma rnexxilix insib l-ebda referenza diretta għalih fil-kitbiet.

Fil-ktieb tiegħu dwar is-suġġett, Michael Sant isemmi li kien hemm ukoll storbji f'irħula oħra kbar u b'mod partikolari jsemmi li dan ġara fil-Ħamrun, Ħal Qormi u r-Rabat. (p.107.) Ma jidher li kien hemm ebda effett dirett li ġara ġewwa Ħal Kirkop. L-istess ktieb jagħti lista ta' nies li ġew feruti u mill-ħamsa u għoxrin li jissemmew ħadd minnhom ma kien minn Ħal Kirkop. Għalhekk li wieħed iħassar il-Festa minħabba din ir-raġuni kienet ftit imġebbda. Minkejja dan, kien hemm fejn fil-fatt dan sar. Hekk jidher li sar fil-każ tal-Festa ta' San Ġużepp ta' Ħaż-Żebbuġ. F'dan il-każ, il-kumitat responsabbli mill-festa ddeċieda li jħassar il-festi esterni filwaqt li s-solennità fil-knisja saret xorta waħda.[15] L-ittra dwar dan ġiet pubblikata fit-23 ta' Lulju 1919. Mhux

**Avviso Sacro**

Ricorrendo Domenica prossima al Zebbug la solita annuale sollennità del Gloriosissimo Patriarca San Giuseppe, Patrono Universale di tutto l'orbe Cattolico, il Comitato di detta festività unanimamente ha deliberato, che attese le presenti circostanze, verun ornamento che indichi feste siavi esteriormente messo, ma che all'interno tali giorni siano festeggiati con tutta pompa e solennità come pel passato.

Il dì 23, 24, 25 reciterà quindi nel precedente triduo i discorsi di circostanza il M. R. Sac. Don Gaetano Muscat Missionario.

**Sabato 26 vigilia della festa Vespro a musica, Salve, Litanie della B. Vergine, Antifona del Santo e Benedizione Sacramentale.**

Domenica 27 Matutino solenne a canto gregoriano. Alle 9 messa solenne a musica e dopo il Vangelo tesserà le lodi del Santo Patriarco il M. R. P. Paolo, Capuccino.

Al dopo pranzo vespero a musica, processione colla magnifica e devota statua del Patriarca San Giuseppe e Benedizione Sacramentale.

Le funzioni saranno condotte dal nostro novello ben amato Arciprete e Parroco Don Salvatore Milanesi.

La musica secondo il Motu Proprio è affidata al Maestro Carlo Diacono.

Il Comitato.

***Avviż miġjub mid-diriġenti tal-Casino San Giuseppe ta' Ħaż-Żebbuġ fuq il-ġurnal Malta, li bih jgħarrfu lill-qarrejja li l-Festa esterna għas-sena 1919 tħassret minħabba ċ-ċirkustanzi tas-Sette Giugno.***

l-istess sar però fl-istess Ħal Kirkop għal festa ta' San Leonardu. Rapport fil-gazzetta *Malta Tagħna* bid-data tal-1 ta' Novembru 1919 jiddeskrivi l-festa bħala "Festa kbira li ser issir" u li fiha ħadu sehem diversi baned fosthom 'La Stella' taż-Żurrieq u 'La Unione' u 'Sant'Andria' ta' Ħal Luqa.[16]

**PROGRAMMA**

Tal festa cbira li seira issir ad unur ta San Leonardo Anacoreta fil Parroccia ta Hal Chircop.

Il Hadd, it-Tnein u it-Tlieta, 2, 3, u 4 ta Novembru granet tat-tridu li fihom jipprietca Dun Francesco Saverio Zahra mill Hamrun. Fil 5 ta Novembru fit-8.30 p.m. il banda "La Stella" taz-Zurrick id-dokk programm fil piazza.

Il banda ta Hal Luka "L'Unione" id-dokk programm ihor fl'istess hin fein il Casin "San Leonardo"; u

Il banda ta Hal Luka "Sant' Andrea" id-dokk programm ihor fl' istess hin fi Strada Maggiore.

Fil 11 p.m. icun hemm giogdifogu famus.

Il Hamis 6 ta Novembru fill 5 a.m. Matutin sollenni, fid-9 a.m. Pontifical sollenni bil musica tas-Surmast Cassar, uara l'Evangeliu jitla juri il cobor ta San Leonardo, il Cappillan ta Stella Maris, Dun Raffaele Capurro.

Fis-2.30 p.m. esecuzioni ta programm musicali mill famusa banda tal Birgu "Duke of Edinburgh".

Fil 5 p.m. Processioni sollenni. Fil 5.30 p.m. luminazioni generali tal acetilena li seira tinxteghel l'euuel darba. Uara il Benedizioni Sacramentali jissocta il programm ta l'istess banda fil Piazza. G.C.

***Il-Programm tal-festa parrokkjali għas-sena 1919 jekk kif stampat fuq il-ġurnal Malta Tagħna.***

## Konklużjoni

Dan l-artiklu qed iġib fi tmiemha kull spekulazzjoni li kien hemm dwar din il-paġna kerha fl-istorja tal-ħajja Koppija. Issa nafu l-fatti kif dokumentati mill-Pulizija. Meta wieħed iqabbel mal-istorja kif magħrufa b'mod orali sa issa joħorġu indizji importanti. L-ewwel nett kemm hu relevanti l-qawl "il-qasba ma ċċaqċaqx għalxejn". L-istorja kif jiftakruha missirijietna kienet minna. Mid-dokumenti mhux possibbli li wieħed jgħid jekk dak li qal Barbara lin-nies meta ħareġ barra wara l-isplużjoni hux minnu. L-anqas l-argument dwar li kien qed iżomm armar għandu ma jiġi kkonfermat jew miċħud. Anqas insibu inizji ta' isem il-persuna li għamlet il-bombi, li uħud mill-anzjani kienu jsemmu. Mill-banda l-oħra, l-istorja orali ttendi li tiċċajpar maż-żmien u ma terfax għal ġenerazzjonijiet futuri d-dettall – il-ħinjiet, stimi, loġistika li jagħtu b'tant reqqezza dawn id-dokumenti. Għalhekk intendi li ngħid li l-istorja dokumentata u dik orali għandhom jimxu id f'id sabiex iwieżnu lil xulxin, u joffru lil ġenerazzjonijiet futuri tieqa reali fuq il-passat. Dak li ppruvajt nagħmel f'dawn il-ftit paġni.

## Ħajr

Radd-il ħajr imur lis-Sinjuri Angelo Schembri, Leonard Callus, Anthony Bonello, u Dott. Gerald Bugeja,

## Noti u Referenzi

1 Informazzjoni mgħoddija mis-Sur Angelo Schembri. Pietru Attard li miet f'April tal-1994 fl-għomor ta' 86 sena u allura laħaq sew dan il-każ, jirrakkonta li fl-istess ħin saret bomba oħra mad-dar tas-sagristan.

2 Komunikazzjoni elettronika minn Angelo Schembri lill-awtur datata l-1 ta' Frar 2015.

[3] Jeremy Boissevain, *Ħal-Farruġ: A Village in Malta*, Malta 1969, p. 61.

[4] Jeremy Boissevain, *Saints and Fireworks: Religion and Politics in Rural Malta*, Malta 1993, p. 109.

[5] L-Arkivji Nazzjonali ta' Malta (NAM), Proċessi Verbali, 26 ta' Lulju 2015. Il-verżjoni oriġinali tax-xhieda tal-Kappillan Barbara bit-Taljan tgħid hekk: *Io mi sdraiai per dormire alle 10.15 pm di ieri e mi sveglio all'ora della esplosione, cioè verso le 11.45 pm. Mi recai a vedere se fosse accaduto qualche male alla vecchia mia sorella Francesca ed attraversando la loggia che è retroposta alla porta distante, mi fermai sorpreso dagli effetti della esplosione la quale aveva frantumato sedie e l'altra porta del giardino la quale è in corrispondenza a quella di strada. Non conosco di certo il motivo di questo malfatto; però mi inclino a credere che esso sia il prodotto di partigiani accaniti per la festività di San Leonardo che si celebra il 6 Novembre di ogni anno ed i quali sono opposti a che la festa di San Giuseppe imminente si celebri con maggior pompa degli anni scorsi. Può darsi che tali partigiani col pretesto del lutto nazionale, abbiano voluto che la festa di San Giuseppe non dovesse essere solennizzata questo anno; poiché io, aderendo alla volontà della maggioranza, ho acconsentito che questa si potesse celebrare con un po' più di pompa di quella usata negli ultimi anni di guerra; ma però ripeto che ciò sia stato solo un pretesto, poiché i contadini quasi tutti sono amanti di tali feste e non credo che la politica ci entri per nulla.* Ħajr lil Dr Gerald Bugeja għat-traduzzjoni.

[6] NAM, *Processo Verbale relativo alla esplosione di una bomba a danno del Santese Giovanni Griscti a Casal Chircop.* 26 ta' Lulju 1919.

[7] *"...secondo me, la causa di questa mia intimidazione per mezzo della bomba esplosa è lo approssimarsi della solennizzazione della ricorrenza di San Giuseppe alla quale si oppongono alcune teste calde di questo Casale perchè partigiane della festività di San Leonardo."*

[8] Jissemma l-ħin tas-7 ta' filgħaxija bħala l-ħin tar-rapport.

[9] Dan ir-rapport ġie preżentat u maħluf minn Carmelo Coleiro fid-29 ta' Lulju 1919.

[10] Dwar Gallipoli wieħed jista' jikkonsulta John A. Mizzi, *Gallipoli: The Malta Connection*, 1991.

[11] Charles J. Farrugia, 'Infakkru l-Memorja ta' Andrew (Andrea) Camilleri: Eroj Imqabbi tal-Ewwel Gwerra Dinjija', fil-*Programm tal-Festa tal-Madonna tal-Ġilju*, 2015, Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju, Mqabba – Malta, pp. 177-183.

[12] Għal aktar tagħrif ara Anthony Zarb Dimech, *Malta during the First World War 1914-18*, 2014.

[13] Leonard Callus (ed.), *The Salter Album: Encounters in Malta's Prisoner of War Camps 1914-20*, Arkivji Nazzjonali tal-Malta, 2014.

[14] Fost dawn insibu li Michael A. Sant Michael Sant, "Sette Giugno" 1919: Tqanqil u Tibdil, Sensiela Kotba Soċjalisti, 1989 u Ir-Rivoluzzjoni Maltija: Is-Sette Giugno mill-1919 'l hawn, 2009; Paul Bartolo, X'Kien Ġara Sewwa fis-VII Giugno 1919, 1979; Henry Frendo, Ir-Rivoluzzjoni Maltija tal-1919: Ħarsa mill-Qrib lejn il-Ġrajjiet Storiċi tas-"Sette Giugno," 1970.

[15] 'Avviso Sacro', fil-*Malta*, 23 ta' Lulju 1919. Ħajr Angelo Schembri.

[16] 'Programma' fil-*Malta Taghna*, 1 Novembru 1919. Ħajr Angelo Schembri.